Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/07*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 07 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru, 2013 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-06

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Attivita fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgħat mal-Kumitat tal-Festa fejn iddiskuta magħhom l-attivita li se tkun organizzata fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri. Il-Kumitat tal-Festa se jieħu ħsieb l-armar għall-ikla inkluż il-palk, siġġijiet, imwejjed u dak kollhu li jkun hemm bżonn. Il-membri tal-Kunsill se jgħinu wkoll fl-armar sabiex din l-attivita tkun tista' issir. Is-Sindku qal li bħala catering ser ikunu l-istess tas-sena l-oħra. Bħala entertainment se jkun hemm Għarb Folklore Group, The Tramps u DJ Hacker. Il-prezz tal-ikla se jkun sussidjat mill-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jibda jonora persuna li tkun għamlet ġieh lir-raħal tagħna u jingħata l-Premju Ġieh L-Għasri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsill iddiskuta dwar lil min għandu jingħata l-premju Ġieh L-Għasri. Is-Sindku ippropona li din is-sena jingħata lil Anthony Sammut li għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena kien is-Superjur tal-Museum fejn ħafna tfal u żgħażagħ ħadu ħafna tagħlim u ġid minn għandu. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk ser jinxtara rigal ta' tifkira ta' din l-okkażjoni u tiġi preżentata waqt l-attivita ta' Jum L-Għasri. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud se tieħu ħsieb sabiex jinxtara r-rigal ta' tifkira.

## 4. Offerta għal xiri ta' konkos u materjal ieħor

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu tlett offerti li huma ta' Gatt Tarmac Ltd.(G.T.*[1]), ta' Road Construction Co Ltd (R.C.*[2]) u ta' Salvu Camilleri (S.C.*[3]). Dawn huma r-rati mitfugħha:-

| | Ready Mixed Concrete C15 € | Ready Mixed Concrete C20 € | Ready Mixed Concrete C30 € | Concrete admixture Sika 1 € | Steel Fabric Reinf. C503 € | Steel Fabric Reinf. A98 € | Steel Fabric Reinf. A252 € | Steel Fabric Reinf. A503 € | Agg. 10mm € | Agg. 20mm € | Sand € | Gran. Sand € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G.T.*[1] | 53.00 | 63.36 | 86.48 | 6.00 | 4.85 | 2.07 | 4.45 | 9.22 | 11.25 | 11.25 | 11.25 | 6.50 |
| R.C.*[2] | 42.40 | 53.00 | 67.90 | 3.00 | 4.25 | 1.94 | 4.04 | 7.78 | 9.82 | 9.82 | 8.99 | 11.88 |
| S.C.*[3] | 59.50 | 67.50 | 85.00 | 5.00 | 5.80 | 3.70 | 5.60 | 8.95 | 19.00 | 19.00 | 19.00 | 26.00 |

Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u qabel li Road Construction Co Ltd għandhom l-irħas rati u hija l-aktar offerta vantaġġjuża u skond l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta għandha tingħata lil Road Construction Co Ltd. Se jiġi ippreparat id-dokument tal-kuntratt biex jiġi iffirmat. Il-kuntratt ser ikun għall-tlett snin u jibda mill-ewwel ta' Novembru 2013.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 21/2013 – Linji Gwida dwar Telefon Ċellulari Tal-Kunsilli Lokali.

5.02 Memo 22/2013 – Elezzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

5.03 Is-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilita u Anzjanita Attiva stieden lill-Kunsill Lokali biex jinnominaw persuni għall-Premju Anzjan tas-Sena 2013.

5.04 Il-Kumitat Olimpiku Malti stieden lill-Kunsilli Lokali biex jiġu nominati għall-iSports Awards.

5.05 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar direttiva biex ma jsirux kuntatti mal-Ministeru tas-Saħħa dwar servizz tas-saħħa fil-komunita. L-AKL se tidħol f'diskussjonijiet f'isem il-Kunsilli Lokali u wara tingħata l-informazzjoni. B'hekk jiġi żgurat li l-Kunsilli Lokali ma jidħlux għal spejjeż qabel tingħata żieda għal dan il-għan fil-baġit tagħhom

5.06 WasteServ Malta Ltd infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-European Week for Waste Reduction li ser issir aktar tard din is-sena.

5.07 Il-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn għand il-kumpanija Greenmt li ser twaqqaf l-iskema tal-ġbir tal-ħġieġ nhar ta' Ħamis. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien għamel appuntament mas-Sur Joe Attard (Direttur ta' Greenmt) biex jiddiskutu dwar dan is-suġġett. Il-laqgħa ma saritx peress li meta mar fl-Uffiċċju ta' Greenmt, is-Sur Attard ma kienx preżenti. Il-Kunsill bagħat diversi emails fejn issuġġerixxa li tal-anqas il-ġbir tal-ħġieġ isir darba fix-xahar. Greenmt qatt ma wieġbu u ordnaw biex jieqaf il-ġbir ta' ħġieġ bieb bieb f'L-Għasri peress li skond huma ma hux vijabbli. Il-Kunsill qabel li jekk jibqa' ma jkolnix diskussjoni ma' Greenmt dwar dan, il-Kunsill għandu ifittex alternattivi oħra fosthom li jibda diskussjonijiet mal-kumpanija Greenpak.

5.08 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għal għajnuna finanzjarja dwar Live Streaming (Memo 17-2013). Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet biex din is-sistema tkun tista' tiġi installata.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-07 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar laqgħa li huwa kellu mal-GZLP Team (Gozo and Comino Local Plan Team tal-MEPA) fejn ġiet diskussa l-lokalita ta' L-Għasri. Matul din il-laqgħa ġew diskussi postijiet ta' interess għat-turisti, postijiet ta' rikreazjoni, zoni bħal quddiem il-Kappella ta' San Pupulju biex ikun jista' isir proġett ta' tisbiħ, titjieb tal-ambjent fil-Pjazza u biex ikunu jistgħu jiftħu stabbilimenti bħal bar/ristorant. Ġie diskuss ukoll il-fanal ta' Ġordan, Wied L-Għasri u divesri inħawi agrikoli. Is-Sindku qal li wara li saret din il-laqgħa, il-Kunsill kien organizza laqgħa pubblika biex jisma' minn għand ir-residenti xi proposti għandhom dwar ir-raħal u b'hekk dawn ngħadduhom lill-MEPA. Fil-fatt din il-laqgħa saret nhar is-Sibt 31 ta' Awwissu. Ir-residenti preżenti għal din il-laqgħa resqu diversi proposti. Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu qiegħed jikkordina mal-Perit John Saliba sabiex minn naħa tal-Kunsill inwasslu dawn il-proposti lill-MEPA.

7.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva ilment dwar bankina ta' Nru 8 Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ u titranġa din il-bankina.

7.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm xi ġenituri li talbu sabiex jiġi organizzat trasport għat-tfal li jmorru l-iskola sekondarja (tal-Knisja) peress li m'għandhomx. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu avviżi biex naraw kemm hawn interessati. Il-Kunsill qabel ukoll li dan is-servizz għandu jkun issussidjat mill-Kunsill.

7.04 Is-Sindku ippropona li nagħmlu twieqi u bieb fil-bus shelter li hemm fi Pjazza s-Salvatur. Għalhekk se jinġabru stimi dwar ix-xogħol meħtieġ biex dawn ikunu jistgħu isiru.

7.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-Museum hemm il-wire ta' mal-ground li għandu bżonn jitranġa. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu biex isir dan ix-xogħol.

7.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Salvina Grech ta' Triq il-Wilġa ilmentat dwar l-istat ta' parti mill-isqaq fejn toqgħod hi. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

7.07 Tereża u Rikarda Zammit talbu sabiex isir xi ftit kisi bis-siment mal-bankina fejn tagħhom fi Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li għandu isir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru, 2013 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.15p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |